MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 265/2004

**Dennis Incorvaja**

**vs**

**Jason Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Jannar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm824.10) u fejn intalbet dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh fi Triq Hal Far, B'Bugia, fis-16 ta' April, 2003, bejn Ford Fiesta numru KBB-524 misjuqa minn Dennis Incorvaja u Honda Civic numru HAF-756 misjuqa mill-konvenut**

**u intalab li l-konvenut jhallas lill-attur, in linea ta' danni, is-somma ta' tmien mija u erbgha u ghoxrin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm824.10);**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-23 ta' Frar, 2004, fejn intqal :**
**Illi in linea preliminari l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante n-nuqqas ta' interess guridiku da parti ta' l-istess attur illi jipproponi din l-azzjoni, peress illi huwa ma huwiex is-sid tal-vettura bin-numru KBB-524.**
**Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ta' l-attur ghall-hlas ta' l-ammont ta' tmien mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm824.10), hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi l-incident de quo sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-konvenut, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Dennis Incorvaja, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont tad-danni pretiz mill-attur huwa eccessiv u konsegwentement, qed jigi kkontestat.**

**Semgha x-xhieda ta' Dennis Incorvaja, PS 1386 Anthony Agius, Jason Zammit. Inzamm access fuq il-post fejn gara l-incident. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Din il-kawza tirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fi Triq Hal Far Birzebbugia fis-16 ta' April, 2003 bejn il-vettura KBB 524 misjuqa mill-attur u l-vettura HAF 756 misjuqa mill-konvenut.**

**2. L-attur kien gej fi Triq Hal Far sejjer fid-direzzjoni tal-fabbrika tal-Playmobil fejn jahdem. Hu jghid li kien miexi fil-karreggjata tieghu meta l-konvenut kisirlu ghal nofs it-triq. L-attur esebixxa r-ritratt Dok DI li fih immarka b'"X" il-punt fejn ighid li sehh l-incident.**
**3. Il-konvenut Jason Zammit ukoll ighid li kien qed isuq fil-karreggjata propja tieghu u kien gej mid-direzzjoni mmarkata bil-punt "Y" fir-ritratt biex imur lejn il-Belt.**
**4. Jirrizulta illi bil-kollizzjoni l-karozza tal-konvenut daret hekk ukoll kif daret il-karozza ta' l-attur.**
**5. Jirrizulta illi d-danni fil-vettura tal-konvenut kienu fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin, fuq il-fanal u dana skond ukoll ma jirrizulta mir-ritratt Dok JZ 4 esebit. Dana r-ritratt juri d-daqqa estensiva u qawwija li kellu l-konvenut.**
**6. L-attur kellu d-danni fuq il-parti ta' quddiem u dan ukoll jista' jinghad illi kellu danni estensivi kif jirrizulta mill-ircevuti tar-riparazzjonijiet a fol 2 sa 17 tal-process, kif ukoll mis-survey Dok Y esebit. Jirrizulta illi d-daqqa fuq il-vettura kienet frontali.**
**7. It-Tribunal isib stramb id-deskrizzjoni maghmula fir-road accident report maghmul mill-Pulizija minn PS 1386 Anthony Agius li jindika d-danni bhala "slight".**
**8. It-Tribunal zamm access fuq il-post fejn gara l-incident u jinnota illi fi zmien meta gara l-incident ma kienx hemm linji bojod mat-triq biex jindikaw b'aktar carezza d-direzzjoni li ghandhom jiehdu l-vetturi, anzi proprju fil-punt fejn grat il-kollizzjoni kien hemm fetha, li ghadha hemm sallum u l-arja in kwistjoni dak iz-zmien setghet tigi deskritta bhala arja pjuttost bla direzzjoni.**
**9. Is-Surgent Agius esebixxa l-sketch Dok XY 2 li jindika kif spiccaw il-vetturi wara l-habta.**
**10. Kien hemm kontestazzjoni dwar jekk is-sinjal muri fir-ritratt Dok JZ 2 kienx jezisti fi zmien tal-habta. Ma hemmx provi konkluzivi fir-rigward.**
**11. Jirrizulta mill-kumpless tal-provi illi in vista ta' l-arja partikolari li kienu ghaddejjin minnha l-vetturi kien jispetta liz-zewg vetturi li jsuqu bl-akbar diligenza. Jirrizulta in oltre illi l-attur kien qed jaghmel manuvra li biha kien ser jaqsam il-karreggjata li**

**minnha kien ser ighaddi l-konvenut, filwaqt illi l-konvenut ma kienx qed izomm fil-karreggjata tieghu apparti illi dan kien ghaddej b'certa velocita' biex il-karozzi spiccaw kif muri. Ghalhekk in vista ta' dan it-Tribunal iqis illi r-responsabbilta' ghall-incident ghandha tigi sopportata ugwalment bejn il-partijiet.**
**12. Id-danni jirrizultaw mid-dokumenti esebiti u konsegwentement il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' erba mija u tnax-il lira u hames centezmi (Lm412.05).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara illi l-konvenut kien jahti ghall-incident fi grad ugwali daqs l-attur, jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' erba mija u tnax-il lira u hames centezmi (Lm412.05). Bl-imghax legali dekorribbli millum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-access ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------